**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 271 / 10RGM

Kawza fil-lista: 23

**H L**
**vs**
**V L kuratur deputat**
**sabiex jirraprezenta lill-ibnu V X L**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici H L prezentat fis-6 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Awissu 2000;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel O P L li illum ghandu tmien snin;

3. Illi l-partijiet minhabba ragunijiet validi fil-ligi isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2003 in atti Nutar Dottor Hugh Grima;

4. Illi in forza ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-intimat obbliga ruhu li jhallas manteniment ta' tmenin lira Maltin ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin euro u erbghin centezmu (€186.40) versu ibnu l-minuri O P L;

5. Illi l-intimat wara xi zmien telaq mill-gzejjer Maltin u stabbilixxa ruhu gewwa ir-Renju Unit;

6. Illi l-intimat ilu ma jhallas il-mantenirnent dovut lil ibnu l-minuri rninn April tas-sena 2008;

7. Illi nfethet medjazzjoni mir-rikorrenti u in vista tac-cirkostanzi il-medjazzjoni nghalqet b'Digriet Nru: 902/2010 moghti rninn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk qeghda ssir din il-kawza odjerna;

8. Illi l-esponenti qed tipprosegwi quddiem dina l-Onorabbli Qorti a bazi tal-Artikolu 5 (2) tar-Regolament tal-Unjoni Kommunitarju (Council Regulation (EC) No 4412001) li jeradika gurisdizzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant in vista tal-prerness l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli versu il-manteniment tal-iben minuri;

2. Tillikwida l-manteniment dovut mill-intimat versu ibnu l-minuri ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2003 in atti Nutar Dottor Hugh Grima jew f'somma verjuri skond mhu ser jirrizulta mill-provi waqt il-mori tal-kawza;

3. Tordna lill-intimat ihallas l-istess manteniment hekk likwidat;

4. Tillikwida u tordna wkoll lill-intimat ghandu jhallas l-arretrati ta' tali manteniment dovut lil ibnu l-minuri;

5. Tawtorizzja lil esponenti sabiex tenforza l-istess sentenza a tenur tal-Artikolu 4 tal-Kap 242 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar L-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment), f'dan il-kaz r-Renju Unit;

6. Taghti dawk l-ordnijiet, direttivi u provvedimenti sabiex is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tigi nfurzata fil-Qorti tar-Renju Unit ai termini tal-Artikli 33 u 38 tal-Council Regulation (EC) No 4412001 .

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenut V X L li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi, l-esponenti qieghed jidher fil-kwalita tieghu ta' kuratur deputat, u dan ai termini tad-digriet tas-7 ta' Ottubru 2010, u ghalhekk ghall-integrita tal-eventwali gudizzju, l-okkju tal-kawza fl-ismijiet premessi mhux korrett, stante li mhux qed jirrifletti il-kwalita' li fiha qieghed jidher l-esponenti.

2. Illi fit-tieni lok, l-esponent fil-kwalita' tieghu premessa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li fil-kawza, il-minuri O P L ma hux rapprezentat, u kwindi il-gudizzju mhux integru.

3. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) talba attrici, huma ghall-kollox neboluzi, stante li ma jaghmlu l-ebda riferenza ghall-liema terminu ta' arretrati qeghdin jirreferu, u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

4. Illi fir-raba' lok, u bla pregudizzju ghat-tielet (3) eccezzjoni, it-talbiet attrici, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda stante illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, f' April 2008 V X L, kif taf ben tajjeb l-attrici, fallielu in-negozju lokali bl-isem ta' 'Giorgio il Fornaio', u minhabba f'hekk kien kostrett illi jallontana lejn ir-Renju Unit, u fil-maggior parti taz-zmien kollu minn meta huwa allontana minn dawn il-gzejjer sa llum, huwa kien minghajr impjieg, u ghalhekk kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Awissu 2003, (Dok C), ir-rata ta' manteniment ta' mija u sitta u tmenin Ewro u erbghin centezmi (€186.40), qabel tmenin liri Maltin (Lm80) fix-xahar, hija dovuta biss meta V X Debattista, ikun impjegat.

5. Illi, fil-hames lok, kif taf ben tajjeb l-attrici, V X L, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza ftit qabel ma allontana minn dawn il-gzejjer, ghamnel intervent mediku fis-sinsla ta' dahru, u fl-irkopptejn illi rrendih inkapaci li jaghmel kwalunkwe xoghol, u sa llum ma jistax jaghrnel kwalunke xoghol, b'dan illi huwa kostrett li jaghmel biss certu xoghol, kompatibbli mal-kundizzjoni ta' sahhtu.

6. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, id-dhul ta' V X L minn April 2008 'l quddiem naqas drastikament, u ghalhekk kien hemm bidla fic-cirkostanzi tieghu b'dan illi minn April 2008 'l quddiem ma baqax aktar f'pozizzjoni illi jmantni lill-ibnu bir-rata indikata fil-kuntratt ta' separazzjoni u cioe ta' mija u sitta u tmenin Ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, kull meta jkun impjegat, izda b'rata ohra inferjuri.

7. Illi l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa huwa dispost li jhallas 1-arretrati b'effett minn April 2008, kull meta kien impjegat, izda b'rata inferjuri ghall dik ta' mija u sitta u tmenin Ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, u dan fuq perjodu li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jew miftiehem bejn il-partijiet, u dan stante li fil-prezent mhux f'pozizzjoni illi jhallas dawn l-arretrati f'somma globali.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Awissu 2000, u dan kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness mat-talba ta' l-attrici rikonvenzjonata.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled O P L li llum ghandu tmien snin, certifikat tat-twelid anness mat-talba ta' l-attrici rikonvenzjonata.

3. Illi il-partijiet minhabba ragunijiet validi fil-ligi isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Awissu 2003, in atti n-Nutar Hugh Grima anness mat-talba ta' l-attrici rikonvenzjonata.

4. Illi bis-sahha ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa obbliga ruhu li jhallas manteniment lill-ibnu minuri, ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40) qabel tmenin lira maltija (Lm80), fix-xahar, u dan biss meta V X L ikun impjegat.

5. Illi f' April 2008, V X L fallielu in-negozju lokali bl-isem ta' 'Giorgio il Fornaio', u minhabba f'hekk kien kostrett illi jallontana lejn ir-Renju Unit, u fil-maggior parti taz-zmien kollu minn meta huwa allontana minn dawn il-gzejjer sa llum, huwa kien minghajr impjieg.

6. Illi V X L, ftit qabel ma allontana minn dawn il-gzejjer, ghamel intervent mediku fis-sinsla ta' dahru, u fl-irkopptejn, illi rrendih inkapaci li jaghmel kwalunkwe xoghol, u sa llum ma jistax jaghmel kwalunke xoghol, b'dan illi llum huwa kostrett li jaghmel biss certu xoghol kompatibbli rnal-kundizzjoni ta' sahhtu.

7. Illi ghalhekk, b'effett mmn April 2008, kien hemm bidla fic-cirkostanzi ta' l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa, b'dan illi minhabba l-rnezzi tieghu, illi naqsu drastikament, mhux aktar f'pozizzjoni illi jibqa' jmantni lill-ibnu minuri, meta jkun impjegat, bir-rata ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, izda b'rata ohra inferjuri.

8. Illi ghalhekk l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa jinstab fl-impossibilta li jadempixxi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu, kif kontenuti fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Awissu 2003, in atti n-Nutar Hugh Grima, u cioe li jhallas kull meta jkun impjegat ir-rata ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, bhala manteniment lil ibnu minuri.

Ghaldaqstant, in vista tal-prerness, l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara, illi huwa impossibli ghalih li jhallas il-rnanteminent stabbilit kuntrattwalment fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Awissu 2003, in atti n-Nutar Hugh Grima, u cioe bir-rata ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, bhala manteniment lill-ibnu minuri, kull meta jkun impjegat, u dan in vista tal-bidla fic-cirkostanzi ta' l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa. b'effett minn April 2008; u;

2. Tiffissa rata ohra inferjuri ghall dik ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40), fix-xahar, bhala manteniment lil ibnu minuri O P L, u dan tenut kont tal-bidla fic-cirkostanzi ta' l-esponent fil-kwalita' tieghu premessa, u dan b'effett minn April 2008.

3. Tiffissa termini, u dan fuq rati mensili, li fihom ghandhom jithallsu l-arretrati tal-manteniment b'effett minn April 2008, sad-data tas-sentenza, bir-rata stabbilita fit-tieni (2) talba, u dan peress li fil-prezent l-esponenti fil-kwalita tieghu premessa mhux f'pozizzjoni li jhallas dawn l-arretrati f'somma globali.

4. Tordna korrezzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni bid-data tal-21 ta' Awissu 2003, in atti n-Nutar Hugh Grima, u dan limitatament ghar-rigward ir-rata tal-manteniment, b'dan illi ir-rata ta' mija u sitta u tmenin ewro u erbghin centezmi (€186.40), tigi sostitwita bir-rata stabbilita fit-tieni (2) talba; u;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku, sabiex fi zrnien perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jircievi l-att korrettorju, u tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumacja ta' l-attrici rikonvenzjonata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiern il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kontra l-attrici, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut:

Illi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonant hekk kif esposti fil-kontro talba tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kollha, ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament il-kontro talba tal-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi michuda stante illi ai termini ta' A.L. 397 ta' 1-2003, l-artiklu 9 huwa tassattiv fir-rigward illi jekk issir talba ghal varjazzjoni ta' kuntrat ta' firda personali, biex jinbidel xi haga (f'dan il-kaz manteniment ta' minuri) minn kuntratt ta' firda personali, ghandha fl-ewwel lok tigi pprezentata ittra fir-registru tal-Qorti u tinghad x'hini t-talba, u fit-tieni lok tinfetah medjazzjoni li twassal jekk ikun hemm ftehim sabiex jinghata digriet fuq il-kwistjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qieghed jigi rilevat illi l-intimat rikonvenzjonant qatt ma istitwixxa proceduri sabiex jigi rivedut tali manteniment, u kien biss wara li gie rinfaccjat bil-proceduri tar-rikorrenti rikonvenzjonata illi ghamel din it-talba. Ghalhekk il-kontro talba tieghu hija irrita u nulla;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2003 in atti Nutar Hugh Grima, 1-intimat

rikonvenzjonant ilu jonqos mill-obbligu tieghu li jivversa manteniment ta' tmenin lira Maltin ekwivalenti ghal mija u sitta u tmnenin euro u erbghin centezmu (€186.40) versu ibnu l-minuri O P L minn April tas-sena 2008 ( annessi ricevuti ghall-mantenirnent imhallas-Dok E ). Jigi rilevat ukoll illi l-obbligi naxxenti minn kuntratt pubbliku ghandhom jigu onorati a bazi ta' pacta sunt servanda ;

Illi per konsegwenza tal-inadempjenza tal-obbligi assunti mill-intimat rikonvenzjonant, ir-rikorrenti rikonvenzjonata, li giet fdata bil-kura u kustodja ta' binha minuri O P permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, u ghaldaqstant hija l-kuratrici ad litem ta' binha l-minuri O P, fethet medjazzjoni u in vista tac-cirkostanzi il-medjazzjoni nghalqet b'Digriet Nru: 902/2010 moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta;

Illi minghajr pregudizzju id-dikjarazzjoni tal-ghas-suespost minn informazzjoni li ghandha r-rikorrenti rikonvenzjonata, il-verzjoni moghtija mill-intimat rikonvenzjonant illi ma kellux u rnhux qieghed ikollu ntrojtu minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu hija inveritiera kif ser jigi ppruvat ampjament waqt il-mori tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti rikonvenzjonata H L m'ghandix tbati l-ispejjez ta' din il-procedura inkwantu t-talbiet kontenuti fil-kontro talba guramentata u l-istess kontro talba huma intizi biss sabiex jipprolungaw dawn il-proceduri u jzidu l-ispejjez gudizzjarji inutilment;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikonvenzjonant li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lil H L fil-ligi.

Rat ir-rikors ta` H L tat-2 ta` Frar 2011 fejn l-esponenti talbet illi ssir il-korrezzjoni u iz-zieda necessarja fl-okkju tal-kawza billi l-istess Qorti tikkonferma l-hatra taghha bhala kuratrici ad litem ta` binha l-minuri sabiex tkun tista tirraprezenta lill-istess minuri f`din il-kawza.

Rat il-verbal fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2011 fejn wara li d-difensuri trattaw t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, l-attrici irtirat l-imsemmi r-rikors taghha tat-2 ta` Frar 2011.

Rat illi fl-istess verbal fuq talba ta` Dr.Errol Cutajar mhux opposta mill-attrici il-Qorti ordnat li l-kliem fl-okkju “V L (Id 839745M) sa KI 579176(M) jigu kancellati u sostitwiti bis-segwenti: “V L (Id 839745M) kuratur deputat biex jirraprezenta lill-ibnu V X L K.I.579176M. Illi l-attrici tat ruhha notifikata bir-rikors guramentat kif korrett.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti H  L tat-23 ta` Frar 2011 fejn talbet illi dina l-Qorti tordna u tawtorizza in-notifika tar-rikors guramentat permezz  u a tenur tal-procedura indikata fir-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1393/2007 taht kull provvediment li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi u l-Qorti bid-degriet taghha tal-1 ta` Marzu 2011 laqghet din it-talba.

Semghat ix-xhieda u ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet pprezentati mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Eccezzjonijiet Preliminari tal-Konvenut**

Illi fir-rigward ta` l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ghandu jinghad illi l-Qorti fl-udjenza taghha tas-16 ta` Frar 2011 ***(Fol.70)*** fuq talba ta` Dr. Errol Cutajar mhux opposta mill-attrici ordnat li l-kliem fl-okkju "V L (Id 839745(M) sa KI 579176(M)" jigu kancellati u sostitwiti bis-segwenti : "V L Id 839745M) kuratur deputat biex jirraprezenta lil ibnu V X L K.I 579176 (M)".  Illi l-attrici tat ruhha notifikata bir-rikors guramentat kif korrett***.(Vide Fol.70 tal-process)***

Ghaldaqstant u ghall-finijiet ta` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ghandu jigi rilevat illi wara li saret din il-korrezzjoni, l-okkju tal-kawza gie sanat bl-imsemmija korrezzjoni, w llum jaqra illi l-intimat *V L qed jidher fil-kwalita tieghu ta` kuratur deputat u sabiex jirraprezenta lil ibnu V X L.* Ghaldaqstant stante din l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza  u l-intimat qed jidher fil-kwalita tieghu ta` kuratur deputat kif qed jinghad, l-ewwel eccezzjoni tal-intimat giet sorvolata.

Illi in kwantu ghat-tieni eccezzjoni li tghid illi l-esponent fil-kwalita tieghu premessa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi fil-kawza l-minuri O P L ma hux rapprezentat, u kwindi l-gudizzju mhux integru, jigi osservat illi H  L giet fdata wahedha bil-kura u l-kustodja ta` binha minuri permezz ta` kuntratt debitament approvat mill-Qorti.  Konsegwentement illum m'ghandiex bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirraprezenta wahedha lil binha minuri O P L (Dok.A kuntratt esebit) **(Vide Fol.9 l-hames paragrafu).** Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

Illi in kwantu ghat-tielet eccezzjoni din ukoll qed tigi respinta ghaliex r-rikors guramentat jippremetti illi l-intimat ilu ma jhallas manteniment dovut lill-ibnu l-

minuri minn April tas-sena 2008 u infatti qed jintalbu l-arretrati ta` manteniment li jirrisalu minn dak iz-zmien.

**L-ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI TAL-ATTRICI RIKONVENZJONATA GHALL-KONTRO-TALBA TAL-KONVENUT RIKONVENZJONANT: IL-KONTRO-TALBA U L-MEDJAZZJONI**

L-attrici rikonvenzjonata eccepiet preliminarjament illi l-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi michuda stante illi ai termini ta` A.L 397 ta` l-2003, l-artikolu 9 huwa tassattiv fir-rigward illi jekk issir talba biex jinbidel xi haga (f`dan il-kaz manteniment tal-minuri) minn kuntratt ta` firda personali, ghandha fl-ewwel lok tigi ppresentata ittra fir-registru tal-Qorti u tinghad x`inhi t-talba, u fit-tieni lok tinfetah medjazzjoni li twassal jekk ikun hemm ftehim sabiex jinghata degriet fuq il-kwistjoni;

L-attrici tirrileva illi l-intimat rikonvenzjonant qatt ma istitwixxa proceduri sabiex jigi rivedut tali manteniment u kien biss wara li gie rinfaccjat bil-proceduri tar-rikorrenti rikonvenzjonata illi pprezenta din il-kontro-talba. Ghalhekk l-attrici ssostni li l-kontro-talba tieghu hija irrita u nulla. (Vide Vol.2 Fol.412)

Il-konvenut min-naha tieghu jsostni illi l-Avviz Legali ta` l-2003, Regolament numru 9, ma ghandux japplika fil-kaz ta` kontro-talba.

Ikkunsidrat;

**Regolament numru 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.20** jipprovdi kif gej:-

9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –

(a) nuqqas ta’ qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta’ wliedhom; jew

(b) manteniment bejn il-konjugi; jew

(c) bidliet f’kull haga regolata minn sentenza ta’ separazzjoni personali jew minn kuntratt ta’ separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta’ divorzju; jew

(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a), dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f’dik id-diposizzjoni.

(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).

(3) Il-medjatur ghandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom ghal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) ghandhom japplikaw ghall-process ta' medjazzjoni.

(4) Meta l-partijiet jaslu ghal ftehim, dan ghandu jigi registrat bil-miktub u jigi nserit fl-atti tal-proceduri, li mbaghad ghandhom jintbaghtu mill-medjatur lill-Qorti, li ghandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju ghall-ordni pubbliku, taghti digriet fuq il-kwistjoni.

(5) Meta l-partijiet ma jaslux ghal ftehim, il-medjatur ghandu jinforma lill-Qorti b'dan."

Mill-atti jirrizulta illi l-attrici H L baghtet l-ittra ghall-medjazzjoni lir-Registratur tal-Qorti fl-10 ta` Gunju 2010 (esebita a Fol.12) li fiha ndikat illi l-partijiet, minhabba ragunijiet validi fil-ligi, isseparaw permezz ta` kuntratt ta` separazzjoni tal-21 t`Awwissu 2003 in atti Nutar Dottor Hugh Grima u illi in forza ta` l-istess kuntratt ta` separazzjoni l-intimat obbliga ruhu li jhallas manteniment ta` tmenin lira Maltin (ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin euros u erbghin centezmu (Euros 186.40) )versu l-minuri O P L. Issemmi wkoll li l-intimat wara xi zmien telaq mill-Gzejjer Maltin u stabilixxa ruhu gewwa ir-Renju Unit u li ilu ma jhallas il-manteniment dovut lil ibnu minuri minn April tas-sena 2008. Taghlaq l-ittra ghall-medjazzjoni billi s-semmi li l-proceduri kienet qed taghmilhom sabiex il-Qorti:-

"1. Tordna lill-intimat ihallas l-istess manteniment.

2. Tordna wkoll illi l-intimat ghandu jhallas l-arretrati ta' manteniment dovut lil ibnu minuri."

B'digriet tal-10 ta` Gunju 2010 l-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprocedi bic-citazzjoni prevja konferma ta` l-ittra bil-gurament u prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti. (vide Fol.14 Volume 1)

Permezz tal-kontro-talba tieghu il-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob inter alia dikjarazzjoni gudizzjarja illi "huwa impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment stabbilit kuntrattwalment" minhabba "bidla fic-cirkostanzi" b'effett minn April 2008. Qieghed ghalhekk jitlob bil-mezz rikonvenzjonali illi l-Qorti tiffissa rata ta' manteniment inferjuri ghal dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni u tordna korrezzjoni fil-kuntrattt.

**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi: Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."

Huwa pacifiku illi kawzi li l-mertu taghhom huwa fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jehtieg, ad validitatem, li jkunu preceduti (1) minn process ta' medjazzjoni inizjat bil-prezentata ta' ittra jew rikors ai termini tar-Regolament numru 9 tal-Ligi Sussisdjara 12.20 kif ukoll (2) minn digriet li jawtorizza l-intavolar tal-kawza.

Il-Ligi Sussidjarja 12.20 ma ssemmi xejn fir-rigward ta' talbiet rikonvenzjonali.

**Artikoli 396 u 397 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"*396. Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra lattur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*

*397. L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż- żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża.*"

Dwar l-artikolu 396 appena citat gie dikjarat hekk: "L-artikolu hu redatt f'termini mill-aktar wiesa' li jippermetti li ssir rikonvenzjoni prattikament kull fejn jirrizulta xi konnessjoni bejn il-kontendenti li jghaqqadhom b'interess guridiku li mhux necessarjament jiskaturixxi mit-termini tal-azzjoni attrici". (**Pierre Abela vs Joseph Depares – PA(JSP) - 05.10.1992**). F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Gambin vs Frank Gambin** (27.03.1996) gie abbraccjat il-hsieb espress f'sentenza fl-ismijiet **Neg. Luigi Spiteri Debono nomine vs Neg. Charles Darmanin noe. (K (AM) - 24.02.1930)** : "Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell'attore – oppure dallo stesso titolo che e' voce assai piu estes del contratto ovvero convenzione – oppure dal medesimo fatto che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico…. e nel senso procedurale "fatto" significa anche 'il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite'". Intqal ukoll f'dik is-sentenza illi kontro-talba hija in regola jekk:-

"(i) La communanza di origine delle causi e vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero;

(ii) La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell' attore verebbe a esser in qualche altro modo perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti."

Fis-sentenza "**Joseph Scerri vs Anna Fenech et" (P.A. (JRM) - 03.07.2003 )** gie ritenut li:- "Hawnhekk, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmilha cara li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah 'specjali'. Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b''konnessjoni' wiehed certament ma jifhimx li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara per ezempju, App. iv. 5/10/2001 fi-kawza fl-ismijiet **Sammy Meilaq noe vs Oral**

**Attinel pro et**). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss".

"**AirMalta plc vs Lawrence Borg noe" (P.A. (JRM) – 30 ta' Gunju 2004**:- "Hawn wiehed ma jistax ma jirreferix ghall-kliem 'l-istess kuntratt' jew 'fatt' li wiehed isib fl-imsemmi artikolu 396. Huwa stabilit li b''fatt' wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika."

Ara wkoll **Shana Sloane Borg vs Kenneth Azzopardi ( PA (AE) - 12.12.2014**);

Applikati l-ligi u l-gurisprudenza citata ghall-kaz in dizamina, <u>il-Qorti hi tal-fehma illi f'kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), una volta l-pretensjonijiet rikonvenzjonali jissodisfaw id-disposizzjonijiet tal-artikoli 396 u 397 tal-Kap. 12, in-nuqqas tal-konvenut rikonvenzjonant li qabel jipprezenta l-kontro-talba tieghu jipprezenta ittra ghall-medjazzjoni ma jirrendiex il-kontro-talba irritwali u nulla.</u> Il-Qorti qed tasal ghal tali konkluzzjoni anke ghaliex fi process ta' medjazzjoni tal-familja spiss jigri illi l-partijiet jiddiskutu vertenzi li ghalkemm huma marbuta mal-kwistjoni principali, mhux necessarjament huma dawk biss indikati fl-ittra ghall-medjazzjoni. Huwa risaput illi waqt medjazzjoni jigu diskussi mhux biss pretensjonijiet dwar "drittijiet" imma wkoll pretensjonijiet dwar l-"interessi" tal-partijiet. **Lisa Parkinson**, awtorita' fuq is-suggett tispjega illi "[Family] Mediation often includes discussion of family relationships and issues which a court would be unlikely to consider, but which are of great importance to the parents and children concerned" (**Family Mediation** – Lisa Parkinson - Sweet & Maxwell – 1997 Ed. – pg. 48). Dan sa certu punt huwa wkoll rifless fir-**Regolament numru 10 tal-Ligi Sussidjarja 12.20** li jipprovdi illi : "(1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi." Dan ifisser illi ghalkemm l-ittra tkun giet ipprezentata minn parti wahda, huma z-zewg partijiet li jigu awtorizzati jipprocedu b'kawza, naturalment fir-rigward ta' kwistjoni li trid tkun relatata ma' dak indikat fl-ittra ghall-medjazzjoni.

Fattur iehor li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa l-fatt illi t-terminu ghall-prezentata ta' kontro-talba jiskatta appena l-konvenut jigi notifikat bir-rikors guramentat. L-ghoxrin jum ghall-prezentata tar-risposta guramentata u tal-kontro-talba ma humiex sufficjenti sabiex jinfetah process ta' medjazzjoni u jigi konkluz bl-awtorizzazzjoni 'a procedere'.

Ghal dawn il-motivi hija l-fehma tal-Qorti illi ma kienx mehtieg li qabel jintavola l-kontro-talba l-konvenut rikonvenzjonant jipprezenta l-ittra ta' medjazzjoni dwar il-mertu tat-talbiet rikonvenzjonali tieghu purche' tali talbiet rikonvenzjonali

jissodisfaw il-vot tal-ligi kif stabbilit bl-artikoli 396 u 397 tal-Kap. 12. Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari imressqa mill-attrici rikonvenzjonata li l-kontro-talba hi irrita u nulla qed tigi respinta.

**Mertu**.

Il-pretensjonijiet rispettivi u kuntrastanti tal-partijiet in succint huma s-segwenti:-

In forza ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet ippubblikat fil-21 ta' Awissu 2003, huma ftehmu illi l-missier ihallas manteniment versu l-minuri fis-somma ta' €186.40 bil-kondizzjoni li tali manteniment jithallas meta l-konvenut "ikun impjegat". Fis-sena 2008 il-konvenut waqaf ihallas manteniment. Rega' beda jhallas b'rata ridotta zmien wara.

L-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment minn dak iz-zmien filwaqt li l-konvenut isostni illi waqaf ihallas manteniment peress li f'April 2008 in-negozju li kien jiggestixxi falla u kien kostrett jallontana ruhu minn dawn il-Gzejjer u jistrasferixxi ruhu fir-Renju Unit fejn ghadu sallum. Jghid li fir-Renju Unit ghamel zmien twil minghajr impieg jew b'impieg bi dhul baxx. Jghid li hu lest li jhallas manteniment b'effett minn April 2008 basta li dan ikun b'rata anqas minn €186.40 u fiz-zmien li kien impjegat peress li mhux f'posizzjoni li jhallas l-arretrati.

**<u>Provi</u>**.

**<u>PROVI DWAR L-EWWEL TLETT TALBIET TAL-ATTRICI</u>**

**<u>PROVI DWAR IL-MANTENIMENT DOVUT SKOND IL-KUNTRATT TA` SEPARAZZJONI TAL-21 T`AWWISSU 2003.</u>**

L-attrici qed titlob illi jigi dikjarat illi l-intimat huwa responsabbli versu l-manteniment tal-iben minuri u sabiex il-Qorti tillikwida l-manteniment dovut mill-intimat versu ibnu l-minuri ai termini tal-kuntratt ta` separazzjoni tal-21 ta` Awwissu 2003 in atti Nutar Dottor Hugh Grima jew f`somma ohra verjuri skond mhu ser jirrizulta mill-provi waqt il-mori tal-kawza u sabiex il-Qorti tordna lill-intimat ihallas l-istess manteniment hekk likwidat.

**Fl-Affidavit tal-attrici ipprezentat fit-2 ta` Dicembru 2010** jinghad hekk:

*" During the separation process V agreed to pay me the sum of LM80 a month that would increase in accordance with the rise in cost of living as indicated during the yearly budget, but this was only paid when the separation was finalized as he refused to do so beforehand. I kept an informal receipt book as he wanted proof of what he paid me. He would frequently pay me late* or *miss a payment. The*

*money never really increased and whenever I ask for the legal increase he always made an excuse. When Malta joined the euro he would pay Euros 200 a month but this soon stopped.*

*Since he refused to provide us with accommodation, my mother let us move in with her as I couldn't afford anything of my own. She would take care of all my expenses and those of my son.*

*By April 2007 he stopped paying the child maintenance altogether and I have paid all my son`s expenses by working full time and also taking on necessary extra work at Univeristy to cover all my expenses. In May 2009, I asked V for maintenance and also sent him legal letters requesting this, but he always ignored me. At our son`s communion in June 2009 I once again asked him for money and he said he had debts and could not afford the amount and informed me that he was moving to the UK and would see what he could do. Since then he has not contacted me or his son.*

*My mother still helps me financially with the expenses I incur for O such as school uniforms and outings and even the school fees which are quite high. I have my own mortgage and bills to pay and so this helps a lot. She and her sister Grace Aquilina also help me with taking care of my son taking him to school and collecting him when I am unable to do the run myself. This is so I do not have to pay the transport or child care fees. Without their help I could not manage all the expenses.*

*Since February 2009 I have also been working part-time at University to earn more money. This is not by choice but out of necessity to pay for all the expenses of raising a child and I am now even more dependant on the family to help in minding my son which I would prefer to do myself but it is not always possible when I have to work during the evenings."* ***(Vide Fol.42).***

Fl-Affidavit taghha omm l-attrici, **Mary Rose Hobban,** xehdet is-segwenti:

*"During the separation process V agreed to pay H the sum of Lm80 a month that would increase in accordance with the rise in the cost of living as indicated during the yearly budget, but this was only paid when the separation was finalized as he refused to do so beforehand. V also made H keep an informal receipt book as he wanted proof of what he paid her. He would frequently pay her late or miss a payment. When Malta joined the Euro he would pay Euros 200 a month but this soon stopped. By April 2007 he stopped paying child maintenance altogether and all the burden had to be carried by H . When she finally returned to work in October 2003 she tried to pay me back but I would not let her and she came to live with me as V would not provide housing for her and the baby. She stayed with me till she could afford her own place which she finally moved into in September*

*2010. During her time with me I helped pay for O`s school fees and never let her pay the bills or rent as she was and still is paying a mortgage on her flat. She would frequently buy the groceries and all of O`s expenses with just her wage. Where I can I would help her as well and often bought him toys as these were not always an option for H to splash out on but does not like to ask for money from me. She prefers to work for her money as she did when was younger.*

*To date I still provide all O`s childcare with my sister Grace Aquilina and between us we collect and take O to school when H can`t in order to save on school transport bills and also for childcare. We also help with his homework when she is working so he will not need private lessons as these are all expenses that we want to try and help her with. We also take care of him when she is working part time at University.*

Dak li xehdu l-attrici u ommha gie kkonfermat f'diversi aspetti tieghu bix-xhieda taz-zija ta' l-attrici, **Grace Aquilina**, (vide Fols.45 u 46 tal-process).

Rat in-nota ta` H L tas-6 ta` Mejju 2011 li permezz taghha gew presentati sensiela ta` rcevuti Dok.A. ***(Vide Vol.1 Fols. 85,86 sa Fol.133 tal-process)***

Fis-seduta tal-15 ta` Dicembru 2011 Dr. Noella Sciriha ghall-attrici irrilevat illi ghall-finijiet ta` kjarezza qed jigu esebiti l-original tal-invoice book immarkat bhala Dok. INVI *animo ritirandi* u dan peress li jidher li kien hemm zball fil-fotokopji diga esebiti. ***(Vide Volume 2- Seduta tal-15 ta` Dicembru 2011 a Fol.275 tal-Volume 2 u pakkett esebit Dok INVI bl-invoice book imsemmi a Fol.286 tal-Volume 2 tal-process).*** Dr. Errol Cutajar ghall-konvenut ma oggezzjonax u irriserva l-kontro-ezami ghal dan id-dokument esebit.

Illi l-kontenut ta` dawn l-ircevuti huwa wkoll spjegat mill-attrici H L fix-xhieda taghha moghtija fil-15 ta` Dicembru 2011 fejn hija tghid:

*"Reference to my affidavit on page (2) paragraph five (5) before the date he used to pay maintenance however not regularly and receipts are all dated exactly when he paid me, they are all exhibited. (Vide Fol.277 first paragraph Volume 2)*

*Hija tkompli tghid "In April 2007 he said he had his shop and financial problems and he asked for more time to pay maintenance which I obliged to but by 2009 I sent him two legal letters from Dr. Anna Mifsud Bonnici requesting payment but these were ignored. He was also working part-time at il-Kantina in Valletta after the shop closed till 2009 and he did say that he would pay me as soon as he starts working however he was working and still not paying. He never said he did`nt want to pay or he wasn't going to pay however he did not pay whilst he was earning money. I know he was earning money cause I don`t think he was working voluntarily at il-Kantina and I went to visit him a couple of times with our son and*

*V X would also sometimes take him and he was also seen by my aunt Grace Aquilina and her daughter Rebecca. I don`t know how much he was earning at the time.**(Vide Fol.277)***

*Illi in re-ezami l-attrici tghid "With reference to the receipt dated 6th April 2008 number 47 payment of Euros 800 because he had a back payment of January to April 2008 so four months in arrears, so there was nothing extra."*

**XHIEDA TAL-INTIMAT GEORGE DEBATTISTA**

Illi fix-xhieda tieghu tal-20 ta` Mejju 2014 V L permezz tal-iSkype jghid: ***(Vide Volume 2 Fol.359)***

*Dr. Sciriha : Inti tiftakar meta waqaft thallas dan il-manteniment?*
*Xhud : Iva dak kont bghatt… Tereza, dik taf sew u jekk mhux sejjer zball kien end of 2008, jekk mhux sejjer zball kien Settembru 2008.*
*Dr. Sciriha: Jekk nghidlek li kien April 2008 naqblu u mhux Settembru ?*
*Xhud; Kien aktar tard minn hekk ghax f`Settembru konna morna, t-tifel jiena kont narah regolarment, kellu xi problema mad-dentist u morna flimkien u kien circa dak il-perjodu fejn kont kellimtha wkoll minn xiex kont ghaddej ghax jiena dak iz-zmien kelli business Giorgio II Fornaio u kont ghaddej minn liquidation process.*
*Dr. Sciriha: Meta kont thallas il-manteniment Tereza kienet taghmillek xi rcevuta?*
*Xhud; Not on a regular basis imma, qatt ma kienu regolarment. Fil-fatt l-ahhar tliet ircevuti jiena m`ghandhix u anki in between u lanqas ircevuti ta` meta kont niehdu ghand id-dentist jew ghand it-tabib jew inkella xi ricevuti ohrajn, medicine and so on jew affarijiet li ghandhom x`jaqsmu mat-tifel tal-iskola dawk qatt ma kelli ricevuti.*
*Dr. Sciriha; Int qed tghid li l-ahhar li hallast kien f`Settembru 2008?*
*Xhud; Ehe end of September.*
*Dr. Sciriha: L-ahhar ircevuta li ghandna ahna hija April 2008, inti tista tipprovdilna ricevuti li inti hallast sa Settembru 2008?*
*Xhud: Jekk hi tista tipprovdi l-ircevuti kollha mill-bidu li bdejt naghti l-manteniment u jien naf fic-cert li m`ghandiex u jien cert li jiena tajtha that does`nt make sense ghax anke lllum il-gurnata lanqas ghandi ricevuti tajtha 7,500 lanqas ta` dawk qatt ma tatni ricevuti allura ghidli inti x`jiggustifika bejn April kif qed tghid inti, jekk ghidtlek sa end of September tajtha, dawk ¾ months x`gara minn dawk l-ircevuti hadd ma jaf.*
*Dr. Sciriha; Are you aware li hemm ipprezentat fil-file tal-qorti ktieb shih ta` ircevuti li inti hallast manteniment?*
*Xhud; Dawk l-ircevuti of course li jien aware imma naf li f`dawk l-ircevuti mhemx ircevuti ohrajn li diga ghidt qabel, bhal hlas ta` skola, hlas ta` tobba hlas ta` pilloli and so on ,ma gewx annessi.*

*Dr. Sciriha: Imma inti taqbel li dawk l-ircevuti li gew pprezentati huma l-ircevuti ghall-hlas ta` manteniment ta` kull xahar?*
*Xhud; Le ta` dak il-perjodu li qed jidhru huma hemm ovvjament,jekk huma ircevuti huma ircevuti. Jiena qed insostni li ircevuti ohrajn ma gewx annessi.*
*Domanda; Naqblu illi inti qed tghid allura rcevuti ta` spejjes ohra dwar sahha u edukazzjoni hux hekk?*
*Xhud; Dawk u l-ahhar tliet ircevuti li ma gewx annessi fl-ahhar…..*
*Domanda; U inti ma tlabthomliex dawn l-ircevuti?*
*Xhud; More than once u kien hemm dati ohrajn ukoll li dawn ma gewx annessi biss kien hemm drabi li kont hallast bic-cekk u mhux cash allura l-ircevuti ma gewx moghtija lili"*

V L kuratur ghall-assenti konvenut xehed fis-seduta tas-27 ta` Settembru 2011 ***(Volume 1 Fol.166):***

"Jien missier il-konvenut V X L u l-minuri huwa n-neputi tieghi. Qed nesebixxi dokument immarkat bhala Dok. "GD1" turi l-operazzjoni qawwija f`dahru u ghadha xxeklu sal-lum li ghadu jiehu trattamenti u medicinali u dan ifixklu milli jsib job kif jixtieq hu. It-tifel tieghi jghix Wales. It-tifel talabni l-istorja medika kollha tieghu sabiex nibghatha l-Ingilterra sabiex it-tobba hemmhekk ikunu jafu. Dawn id-dokumenti gibthom mill-Isptar ta` Malta. Qed nesebixxi Dok."GD2" "Dok.GD3" juri li t-tifel ghandu 10% disabilita.***(Vide Volume 1 Fol.173 et seq)***

Fl-2008 it-tifel kellu negozju minn qabel, beda madwar 2005 li kien jismu Giorgio il Fornaio, negozju li jaghmel xoghol ta` hobz u pasti u jbiegh food goods. Kien sejjer tajjeb, minhabba zviluppi fis-suq ma baqax irendi kif suppost, il-kera ta` LM16 kuljum telghet ghal Lm25 kuljum, wara gholew it-tariffi tad-dawl, ilma u gas u ma baqax viabbli. L-accountant John Zammit tah parir li ghandu jaghlaq in-negozju. Meta n-negozju beda sejjer hazin il-Bank ghamel call-in u fi zmien (6) sitt xhur kellu jrodd il-flus kollha lura***. (Vide call-in letter tal-Bank datata 16^th^ February 2009 Volume 2 Fol.225).*** It-tifel gie affaccjat f`cirkostanzi barra min-normali li jrenduh perikuluz, ahna l-genituri wkoll mieghu.

Meta ssepara minn mal-mara ghall-ewwel tlett (3) snin sakemm sab is-siehba l-ohra tieghu kien jghix maghna ghalhekk dawn il-fatti ghexthom mieghu u ghadni nghixhom mieghu. Il-call-in saret madwar June 2008 u fil-fatt il-hanut ghalaqnieh fit-2009. Ma nafx jekk il-call in kienet qabel jew wara. Biex ssetiljajna mal-kredituri u mal-Bank kelli inbiegh id-dar tieghu. Ried ukoll ibiegh l-affarijiet ta` gol hanut. Kieku m`ghamilniex hekk ma setax jibda l-hajja l-gdida. Ta` dan Therese kienet infurmata mit-tifel li kien jghidilha li kien mar hazin, hallasha ta` kollox sa April 2008 u qallha li kien ser jibda hajja gdida barra minn Malta u li kien se jibda jibghat il-flus meta jigi fuq saqajh. Telaq minn Malta f`Gunju 2009.

Bejn April u Gunju 2009 ma kienx jahdem forsi kien ikun hemm xi tieg u jmur waiter u kien qed jirrisolvi l-problemi tan-negozju u dan bl-ghajuna tieghi ghax kont nghinu finanzjarjament.

Qed nesebixxi dokument immarkat Dok.”GD4”. Dan id-dokument rilaxxat minn John Zammit Certified Public Accountant Registered Auditor jghid “To Whom It May Concern” – “This is to confirm that Giorgio il-Fornaio has ceased functioning since April 2008 and has been inoperative as from that date.”

Illi fis-seduta tal-31 t`Ottubru 2011 V L jkompli jghid;

“Qed nipprezenta dokument immarkat Dok. BOVG1 din hija call letter li rcieva V f`isem il-kumpanija li kellu dakinhar fejn il-bank talbu l-flus lura. L-ittra indirizzata lili u lil ommu, peress li ahna konna garanti ghax falla V u l-bank ried il-flus. Dan hallasna ghaliha ahna. Il-hanut mar lura minhabba kera qawwi, gholew is-servizzi u n-negozju mar lura ghax fethu ohra madwar u ma baqax vijabbli. It-tifel ried ihallas lill-kredituri kollha u ried jaghlqu halli jaghtieh lura peress li kien bil-kera. Qed nippresenta dokument mmarkat Dok.AG1 dawn huma numru ta` reklami fejn jindikaw li bejn 2008 u 2009 il-hanut kien ghal bejgh u ma kienx in funzjoni. Ibni kien ha l-hanut fuq cens temporanju allura pprova jigbor xi haga mill-hsara billi jcedi c-cens u jiehu key money. Pero ma kienx irnexxielu u kellu jbiegh il-merkanzija u jirritorna lura dak illi seta mill-merkanzija u jaghmel *closure* u ta lura l-fond lil Attard Bros, il-padrun dirett. Dawk ir-reklami hallasthom kollha jiena. Qed nippresenta dokument mmarkat bhala Dok.MG1 dan huwa xhieda tal-manteniment li kemm ilu fil-kawza ghadda V lil ibnu minuri Christopher. Qed nippresenta kopja ta` cheque li ghadda lil H Dok.CG1 u dan ikopri parti mill-manteniment li kellu jghati. Qed nipprezenta traskrizzjoni ta` SMS li baghat V lili mmarkat Dok.SMSG1 u b`dan nikkonferma li ttraskrivejt dak li rcevejt.

Qed nipprezenta dokument mmarkat bhala Dok.WG1 li huwa applikazzjoni sabiex talab ghall-ghajnuna biex ihallas il-kera tal-post ghax kien *out of job* (***Vide Dok.WG1 a Fol.250 li jirreferi ghas-sena 2009***). Qed nipprezenta dokument mmarkat Dok.GD1 li juri kemm dam jahdem il-konvenut fil-post u kemm kien jaqla.

Fl-ahhar paragrafu tax-xhieda tieghu x-xhud jirreferi ghal dak li diga inghad qabel u jghid “l-ahhar sena jew daqxejn aktar meta t-tifel kien ihossu li jista jhallas aktar jidher bic-car li ma baqax lura u kien jaghti aktar minn dak dovut.Dan fir-rigward ta` Dok.A diga pprezentat mill-attrici nirreferi ghall-ircevuta datata 6 ta` Jannar 2006 sa 6 t`April 2008 fil-fatt l-ahhar ircevuta kienet ghall-aktar minn Euros 800.”

Il-konvenut V L xhed fl-20 ta` Mejju 2014 permezz tal-Skype***:***

*"Dr. Schriha; Nghid sew li bejn Settembru 2008 u Gunju 2009 inti kont tahdem bhala chef gewwa l-Kantina Restaurant il-Belt?*

*Xhud; No jista jkun mort kemm il-darba hemhekk ghax dak kien habib tieghi li jownja r-restaurant,ghintu kemm il-darba festin u mhux festin jew xi haga hekk biss qatt ma kien xejn fiss jew full-time,biss jiena kemm il-darba kont immur ghandu u nghinu.Anke qabel kelli hafna odd jobs qatt ma kelli xejn fiss jew full-*time.

*Dr. Schiriha; Jigifieri ma kienx ihallsek tax-xoghol li kont taghmel bhala chef?*

*Xhud; Occasionally of course li kien ihallasni hekk every now and again mela xi hadd jaghmel xejn ta` xejn. Qatt ma kelli full-time job jew xi haga fissa so kont immur nghinu erba` sighat jew saghtejn l`hawn, dak iz-zmien konna bl-euro naqla euros 20 l`hemm u l`hawn but nothing fiss. Tereza taf ukoll b`dan sa fejn naf jien.*

*Dr.Sciriha; Tereza taf hafna fil-fatt kemm kont tahdem hemm u anke t-tifel jaf. Tant hu hekk li inti kont tibghatilha messages lil Tereza ,ha nikkwotalek wiehed fejn inti ghidt lil Tereza hekk: 'Hi listen the other guy that had to cover me called in ……sick so I won`t be able to make it. Will call Chris so I talk to him ta but I took next Sunday off to make up for it.` X`tikkumenta dwar dan?*

*Xhud; Definitely jekk hu black on white biss kif spjegajtlek jiena ma kelli xejn fiss u iva anke t-tifel,jiena stess gieli hadtu hemmhekk u giet Tereza kemm il-darba hadna kafe flimkien,mat-tifel qed jilghab hemhekk ghax kif ghidt that was like my second home.*

*Dr. Sciriha: Kemm tikkalkula li kellek revenue hemhekk fix-xahar?*

*Xhud; I d`ont know daqqa euros 40 ma kelli xejn li huwa fixed u ma kellix dati mit-Tnejn sal-Hadd.*

*Dr.Sciriha: Euros 40 fix-xahar?*

*Xhud: Mhux fix-xahar no fil-gimgha qed nghidlek ghax m`ghandi xejn dati fissi ta` employment.*

*Dr.Sciriha; Jigifieri bil-kemm fis-siegha kien ihallsek bhala chef?*

*Xhud; Ma nafx Euros 6,Euros 7 approximately.*

*Dr.Sciriha; Jigifieri qed tghidilna li inti kont tahdem 5 sieghat f`gimgha biss?*

*Xhud; Jiddependi,jien ma kien ikolli xejn,dan inti u Tereza qed tghidu li jien hemhekk kont qed nahdem,jekk ghandek xi paperwork fil-contract minn dan li qed tghid Tereza hlief SMS. Jiena f`dak il-perjodu kont ghaddej minn perjodu ta` xoljiment tal-buisiness. Suppost Tereza taf ghax qeghda fil-marketing jigifieri taf minn xiex kont ghaddej personali u x`wiehed irid jghaddi biex jeqleb mal-kredituri u d-debtors jigifieri ma nistax nifhem kif qed tigi din li jiena kont qed nahdem full-time. Hija absurd li qed ixxolji u taghmel meeting ma dak u meeting mal-kredituri,u tant ilu zmien…… dan kien jghidli isma ejja tini daqqa t`id u ejja ghini naqra hawn.*

*Dr.Sciriha;* U *kont tmur ghal euros 40 biss?*

*Xhud; Jiddependi kull lira li kont nista naqla f`dak il-perjodu kont qed nohodha ghax jien il-flus kollha li kont qed naqla kont qed inhallas il-kredituri kif tennejt qabel.*
*Dr.Sciriha; Nghid sew ukoll li kellek partner u tifel iehor xi tmantni wkoll?*
*Xhud; Ma kienux Malta f`dak il-perjodu.*
Dr.Sciriha; *Jidher li fl-istess gimgha li bghatt dak l-SMS kumbinazzjoni bghattilha sms iehor fejn qed tghidilha 'sorry but Wednesday will finish around eightish so leave it for Saturday like last week.` Tahseb li dawn ftit sieghat regghu kienu dik il-gimgha ta` xoghol ukoll?*
*Xhud; Dan qed nithadtu 2008,ma nistax niftakar bl-ezatt. Biss Tereza kienet tibbumbardjani bil-messaggi,ghal liema raguni ma nafx u forsi naf illum ghalfejn kienu but never mind u kif jghid l-Ingliz I have to put her off b`xi mod jew iehor…. Qed tifhimni, so dik hija r-raguni.*

Fl-affidavit tieghu tad-29 ta` Novembru 2011 (***Vide Fols 284 u 285 tal-process)*** il-konvenut xehed illi "*in the early months of 2008 my business was suffering financially and finally had to declare bankruptcy and close my business as declared by my accountant Mr.John Zammit. All this caused great hardship and stress as one can imagine. I had also asked my parents for financial support as I was in great debt…… omissis …..At the time I was looking for full-time employment to pay my debts but I could not find any employment and was forced to leave the country to start a new life."*

L-Accountant tal-intimat, John Zammit (Vide Fol.218 tal-process), xehed li l-konvenut kien fallielu n-negozju u impieg ma kellux.

Minn ittra mibghuta minn Mrs Perry lill-Avukat Errol Cutajar esebita bhala Dok.GD1 din tghid illi "I can confirm that Mr V L has been employed at the Royal Oak as a chef from August 2009 until 23/01/10. Due to a huge downturn in business I have had to give Mr L Notice." ***(Vide Volume 1 Fol.256)***

Illi minn ezami tal-payslips rilaxxati minn Parry`s Seafoods Restaurants Ltd Royal Oak mill-1 ta` Awwissu 2009 sas-16 ta` Jannar 2010 dawn juru ili l-intimat kellu paga ta` tmien mitt lira sterlina kull erba` gimghat li huma ekwivalenti circa ghal elf u seba euros u ghaxar centezmi. ***(Vide payslips esebiti Volume 2 Fol.257 et seq)***

**<u>Perjodu bejn Jannar 2010 u Lulju 2010</u>**
Illi il-konvenut qed jikkontendi li tul dan il-perjodu ma kienx jahdem u ipprezenta dokument immarkat bhala (**Dok.WG1 a Fol.250 sa 255)** liema dokument huwa applikazzjoni ghal Job Seekers Allowance fir-Renju Unit.

Fis-seduta tal-20 ta`Mejju 2014 il-konvenut intalab jixhed x`kien l-ezitu ta` din l-applikazzjoni, x`beneficcji kien jircievi u sabiex jesebixxi ricevuti tal-beneficcji li

seta` ircieva. Waqt is-seduta xehed li kien jiehu 'tax credits', kienet tithallaslu l-kera u kien jircievi Stg 22 (tnejn u ghoxrin liri sterlini) fil-gimgha.

Fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-attrici tal- 5 t`Awwissu 2014 missier il-konvenut argumenta "illi ma hemm ebda ircevuta x`jipproduci rigward dawn il-beneficcji li kien applika ghalihom l-istess V X L u dan peress illi kull forma ta` ghajnuna tinghata biss taht skema ta` tax credit. L-uniku beneficcju li rcieva f`kumpens monetarju f`idejh huwa kif spjega hu stess fix-xhieda tieghu tnejn u ghoxrin lira sterlina fil-gimgha bhala job seekers benefit li taghhom m`ghandux ircevuti.

Illi pero` peress illi jirrizulta illi f`dan iz-zmien ma kienx jahdem ghaldaqstant tiskatta l-kondizzjoni stabbilita fil-kuntratt ta` separazzjoni illi l-manteniment jithallas biss meta l-intimat ikollu impieg kif jghid l-imsemmi kuntratt fl-artikolu dwar il-manteniment. Ghaldaqstant ghall-perjodu bejn Frar 2010 sa Awwissu 2010 m`ghandu jkun hemm ebda manteniment dovut.

**<u>Perjodu bejn Awwissu 2010 sal-prezenti</u>**

Illi in kwantu ghal dan il-perjodu ghandu jigi rilevat illi b`digriet tal-Qorti tal-1 ta` Novembru 2011 il-Qorti ordnat illi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri jithallsu bejn il-partijiet filwaqt li tordna li l-konvenut jghaddi manteniment ghat-tifel lill-attrici fl-ammont ta` euros 140 fix-xahar. **(Vide degriet tal-Qorti tal-1 ta` Novembru 2011 a Fol.219 tal-process)**

B`verbal fl-udjenza quddiem il-Qorti tal-1 ta` Novembru 2011 Dr.Sciriha informat lill-Qorti illi l-konvenut qed jghaddi manteniment lit-tifel ta` mija u erbghin euros fix-xahar minghajr spejjes ta` edukazzjoni. Dan li qed jinghad rega gie mtenni fin-nota ta` ossevazzjonijiet tal-attrici (vide Fol.422 tal-process l-ahhar paragrafu).

Illi in kwantu ghall-perjodu minn Awwissu 2010 sal-prezent il-kontendenti fin-noti ta` osservazzjonijiet rispettivi taghhom jaqblu illi l-intimat minn Awwissu/Settembru 2010 sa llum jahdem u jaqla gross sterlina 23294.15. Jirrizulta illi meta tinqata t-taxxa u kontribuzzjonijiet ohra jibqa bl-ammont ta` ghoxrin elf, mitejn disgha u sittin lira sterlina u hmistax-il pence (£20,269.15) **netti f`idejh fis-sena ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf,tlett mija u ghaxar euro u hamsa u sittin centezmu (Euros 25,310.65). Dawn igibu medja ta` qliegh net ta` Euros 2109.22 fix-xahar.(Vide noti ta` osservazzjonijiet tal-kontendenti Fols.419 u 440 rispettivament)**

Ikkunsidrat;

Fil-21 ta' Awissu 2003 il-partijiet kienu resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Fost klawsoli ohra ftehmu s-segwenti:-

"**The Husband hereby binds himself to pay to the Wife the sum of eighty Maltese liri (Lm80) monthly by way of maintenance for the child payable every first day of the month in advance and this being his share for the minor child's maintenance. This maintenance is payable only when the said Husband is employed. The sum shall increase in proportion with the increase of minimum wage announced every year in the Budget Speech**."

Fuq l-imsemmi kuntratt l-okkupazzjoni tar-ragel giet indikata bhala "employed".

Isegwi ghalhekk illi fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt, il-konvenut kien impjegat bil-konsegwenza illi l-klawsola imsemmija dahlet fis-sehh u saret enforzabbli mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

L-ammont ta' Lm80 ekwivalenti €186.40, beda jithallas izda mhux iz-zieda annwali skond l-gholi tal-hajja. Jirrizulta ampjament ippruvat illi l-konvenut waqaf ihallas il-manteniment tal-minuri f'April 2008. Il-konvenut jikkontendi illi kien fl-impossibilita' li jeffettwa l-hlas peress li n-negozju li kellu kien falla u kien fi stat ta' likwidazzjoni. Jirrizulta mill-provi prodotti illi bejn Gunju 2008 u Gunju 2009 il-konvenut kien qed jahdem bhala kok f'restaurant gewwa l-Belt Valletta. Kien ukoll jaghmel xogholijiet ohra bhal dak ta' wejter.

Hemm kuntrast bejn il-partijiet fir-rigward ta' dan il-perijodu. L-attrici tikkontendi illi una volta l-konvenut kien qed jahdem allura kien dovut il-manteniment shih filwaqt li l-konvenut jikkontendi li una volta d-dhul tieghu naqas allura ghandu jhallas manteniment f'rata inferjuri ghal dik pattwita fil-kuntratt.

In tema legali ghandu jinghad illi skond **Artikolu 1002 tal-Kodici Civili**:-

"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

L-istipulazzjonijiet kontrattwali ghandhom ghall-partijiet il-forza ta' ligi li huma fid-dover li jonoraw. Kif jipprovdi l-**Artikolu 992 tal-Kodici Civili** :-

"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi."

Il-kuntratt in dizamina jipprovdi tassattivament illi jekk il-konvenut ikun qed jahdem allura l-manteniment tal-minuri huwa dovut. Il-Qorti ma temminx il-

verzjoni li ta l-konvenut fix-xhieda tieghu illi matul dawk it-tnax-il xahar bejn Gunju 2008 u Gunju 2009 id-dhul tieghu kien wiehed mizeru. Xehed li kien imur darba kull tant ghax-xoghol ghax sid ir-restaurant kien habib tieghu u kien jaghtih ghoxrin ewro (€20) ghal erba' sieghat xoghol. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda m'ghandiex mill-verita'. Il-konvenut jipprova jaghti l-impressjoni illi f'dan ir-restaurant kien imur biss darba kull tant b'mod sporadiku. Izda fl-istess xhieda tieghu jiskredita lilu nnifsu f'dan ir-rigward meta xehed illi mhux l-ewwel darba li kien ikollu jfalli l-access tal-minuri sabiex imur jahdem u kien anke jiehu lit-tifel minuri mieghu fuq il-lant tax-xoghol. Jghid hekk fir-rigward: "… jiena ma kelli xejn fiss u iva anke t-tifel, jiena stess gieli hadtu hemmhekk u giet Tereza (l-attrici) kemm-il darba hadna kafe' flimkien mat-tifel qed jilghab hemmhekk ghax-kif ghidt **that was like my second home.**" (sottolinear tal-Qorti.). Tant mhux minnu li l-impieg tieghu f'dak il-perijodu kien wiehed sporadiku illi gie ezebit it-transcript ta' sms mibghut mill-konvenut lill-attrici li jaqra hekk: "Hi listen the other guy that had to cover me called in sick so I won't be able to make it. Will call Chris so I talk to him ta but I took next Sunday off to make up for it". Chris huwa l-minuri. Minn din l-sms biss huwa evidenti li f'dak il-perijodu l-konvenut kien impjegat full time tant illi mhux l-ewwel darba li kien ikollu jfalli l-access sabiex imur ghax-xoghol u sabiex izomm gurnata ta' access nhar ta' Hadd kien jiehu l-leave nhar ta' Hadd.

Il-konvenut qed jippretendi illi matul is-sena in dizamina ir-rata ta' manteniment ghandha titnaqqas. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Tenut kont li r-rata ta' manteniment pattwit jinkludi wkoll l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha il-Qorti ma ser tnaqqas xejn minn dak pattwit bejn il-partijiet ghal perijodu bejn Gunju 2008 u Gunju 2009.

Mill-provi mressqa mill-konvenut ghall-perijodu bejn Lulju 2009 u Jannar 2010 jirrizulta li l-konvenut kien emigra lejn ir-Renju Unit u sab impieg bhala kok f'restaurant bl-isem The Royal Oak. Kien jaqla circa mitejn lira sterlina (Stg.200) netti fil-gimgha. Tenut kont li l-ammont ta' manteniment fil-gimgha pagabbli ghall-minuri huwa ta' circa €50 fil-gimgha, il-Qorti tqis li ghal dan il-perijodu ghandu jkun hemm temperament fil-*quantum* ta' manteniment pagabbli minn €186.40 fix-xhar ghal €140.00 fix-xahar anke ghaliex jidher illi f'dak il-perijodu l-konvenut kien ghadu qed isib saqajh f'pajjiz gdid fejn kien emigra.

Jirrizulta illi fit-23 ta' Jannar 2010 l-konvenut inghata s-sensja mir-restaurant The Royal Oak u beda jfittex xoghol iehor. F'dak il-perijodu kien qed jghix bl-assistenza socjali. Huwa rega beda jahdem f'Awissu 2010. Ghalhekk bejn Frar 2010 u Awissu 2010 l-ebda manteniment ma hu dovut.

Minn Settembru 2010 sallum il-konvenut ghandu xoghol stabbli bi dhul li jissupera €25,000 fis-sena. M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi minn Settembru 2010 'il quddiem huwa dovut il-manteniment pattwit. Ciononostante l-konvenut,

bis-sahha ta' informazzjoni skorretta li ta lill-Qorti ottjena fl-1 ta' Novembru 2011 l-hrug ta' digriet li ordna riduzzjoni tal-manteniment ghal €140 fix-xahar fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

L-attrici tilmenta illi minn Settembru 2010 l-konvenut beda jibghat il-manteniment izda minghajr iz-zidiet annwali kif ukoll jnaqqas l-ispejjez relatati mat-trasferiment tal-flus. L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas mhux biss iz-zidiet annwali pattwiti fuq il-kuntratt izda wkoll l-ammonti li l-konvenut unilateralment naqqas mill-ammont ta' manteniment dovut.

Fil-fehma tal-Qorti l-manteniment pattwit fir-rigward tal-minuri ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici fl-intier tieghu minghajr l-ebda tnaqqis. Il-konvenut ghandu wkoll ihallas iz-zidiet kollha li kienu dovuti mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt sallum, salv il-perijodu li l-Qorti qed tiddeciedi li ma kienx dovut manteniment.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel talba attrici u l-kontro-talba u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali bil-mod kif gej:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut V X L (ID 579176M) huwa responsabbli li jhallas il-manteniment ghall-minuri O P L pattwit fuq il-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fil-21 ta' Awissu 2002 ghall-perijodu bejn l-1 ta' Gunju 2008 u l-31 ta' Jannar 2010 u mill-1 ta' Awissu 2010 'il quddiem inkluz iz-zidiet annwali pattwiti fuq il-kuntratt.

2. Konsegwentement tiddikjara illi ma hux dovut manteniment ghall-minuri minghand il-konvenut lill-attrici ghall-perijodu bejn l-1 Frar 2010 u t-30 ta' Lulju 2010.

3. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut referibbli ghall-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2010 u t-30 ta' Lulju 2010 u tichadhom fil-kumplament.

4. Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali u tilqa' l-kumplament sakemm huma kompatibbli ma dak hawn deciz.

5. Tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-1 ta' Novembru 2011.

6. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali limitatament ghall-perjodu mis-1 ta' Frar 2010 sat-30 ta' Lulju 2010 u tichad il-kumplament tat-talbiet rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-konvenut.

Thalli l-kawza ghall-provi dwar il-likwidazzjoni tal-manteniment arretrat dovut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**